SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

22 ta' Ġunju 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà li jiġu provduti servizzi — Restrizzjonijiet — Kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online — Impossibbiltà prattika tal-kisba ta' tali awtorizzazzjoni għall-operaturi privati stabbiliti fi Stati Membri oħra"

Fil-Kawża C-49/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u industrijali ta' Budapest, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Jannar 2016, fil-proċedura

Unibet International Ltd.

vs

Nemzeti Adó- és Vámhivatal Központi Hivatala,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, E. Regan, J.-C. Bonichot, C. G. Fernlund u S. Rodin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Diċembru 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Unibet International Ltd., minn A. Jádi-Németh u A. Kovács, ügyvédek,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u G. Koós, kif ukoll minn E. E. Sebestyén, bħala aġenti

— għall-Gvern Belġjan, minn L. Van den Broeck u M. Jacobs, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck, R. Verbeke u J. Van den Bon, advocaten,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u M. Figueiredo kif ukoll minn A. Silva Coelho, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Tserepa-Lacombe u L. Havas, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' April 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Unibet International Ltd. (iktar 'il quddiem "Unibet"), kumpannija Maltija, u n-Nemzeti Adó- és Vámhivatal Központi Hivatala (Uffiċċju ċentrali tal-amministrazzjoni nazzjonali tat-taxxi u tad-dwana, l-Ungerija, iktar 'il quddiem l-"awtorità fiskali Ungeriża"), fir-rigward ta' deċiżjonijiet adottati minn din l-awtorità li jordnaw l-għeluq temporanju tal-aċċess għas-siti Internet ta' Unibet, aċċessibbli taħt id-*domain names* hu.unibet.com u hul.unibet.com.

Il-kuntest ġuridiku

Il-liġi Ungeriża

Il-liġi fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2014

– *Il-liġi dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard*

3 L-Artikolu 1 tas-szerencsejáték szervezéséről szóló 1991. évi XXXIV. törvény (Liġi Nru XXXIV tal-1991 dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard), kif kienet fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2014 (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard"), kien jipprovdi, fil-paragrafi 3 sa 5 tiegħu:

"(3) Huma attività intiża għall-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(i) tal-koncesszióról szóló 1991. évi XVI. törvény (liġi Nru XVI tal-1991 dwar il-konċessjonijiet, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-konċessjonijiet")

[…]

e) l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online,

[…]

(4) Kull attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard li tippermetti parteċipazzjoni mit-territorju tal-Ungerija permezz ta' sistema u ta' tekniki ta' komunikazzjoni tista' tiġi eżerċitata biss konformement mad-dispożizzjonijiet tal-liġi preżenti.

(5) Il-pubblikazzjoni tal-offerti ta' parteċipazzjoni fil-logħob tal-ażżard permezz ta' sistemi u [ta'] tekniki ta' komunikazzjoni teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet fiskali nazzjonali. L-istituzzjonijiet finanzjarji u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni ma jistgħux jikkontribwixxu għall-pubblikazzjoni jew għar-riċeviment ta' offerti relattivi għall-parteċipazzjoni f'logħob tal-ażżard li għalih ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni, u lanqas jipprovdu sostenn f'dan is-sens."

4 L-Artikolu 2(2a) u (3) ta' din il-liġi jipprovdi:

"(2a) Il-provvista ta' servizzi ta' logħob tal-ażżard online teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-amministrazzjoni fiskali nazzjonali. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi jestendi għas-servizzi ta' logħob tal-ażżard online fil-każ li

a) il-logħob tal-ażżard online ikun organizzat fit-territorju Ungeriż, jew

b) l-utent tas-servizz jipparteċipa fil-logħob tal-ażżard online fit-territorju Ungeriż, jew

c) is-servizz ikun dirett lejn utenti li jkunu jinsabu fit-territorju Ungeriż, b'mod partikolari meta s-servizz imsemmi jkun aċċessibbli bil-lingwa Ungeriża jew meta jsir reklamar tiegħu fit-territorju Ungeriż.

(3) L-amministrazzjoni fiskali nazzjonali għandha toħroġ awtorizzazzjoni lill-persuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet personali, materjali u ekonomiċi neċessarji għal tmexxija ċerta u professjonali tal-logħob tal-ażżard."

5 Skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija liġi:

"(1) Attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard mhux liberalizzat

a) tista' tiġi pprovduta minn korp ekonomiku miżmum 100 % mill-Istat Ungeriż, maħluq biex tiġi eżerċitata b'mod regolari attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard (iktar 'il quddiem l-'operatur statali tal-logħob tal-ażżard'), kif ukoll minn kumpannija kummerċjali li għandha bħala l-uniku azzjonist tagħha lill-operatur statali tal-logħob tal-ażżard, kif ukoll korp ekonomiku li fih l-Istat għandu sehem maġġoritarju;

b) permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni, l-Istat jista', temporanjament, jittrasferixxi lil persuna oħra d-dritt li jeżerċita din l-attività.

[…]"

6 L-Artikolu 4 tal-liġi dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard kien tipprovdi, fil-paragrafi 1 u 6 tiegħu:

"(1) Għall-finijiet tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni, il-ministru għandu jagħmel sejħa pubblika għall-kompetizzjoni, konformement mal-Artikolu 5(1) tal-liġi dwar il-konċessjonijiet.

[…]

(6) Abbażi tal-Artikolu 10/C(2) tal-liġi dwar il-konċessjonijiet, il-ministru jista' wkoll jikkonkludi kuntratt ta' konċessjoni mingħajr ma jagħmel sejħa pubblika għal kompetizzjoni, billi jikkonkludi tali kuntratt ma' operatur tal-logħob tal-ażżard affidabbli fis-sens ta' din il-liġi."

7 L-Artikolu 5(1) ta' din il-liġi kien jipprovdi:

"F'każ ta' sejħa pubblika għal kompetizzjoni skont l-Artikolu 5(1) tal-liġi dwar il-konċessjonijiet, il-ministru jista' jikkonkludi l-kuntratt ta' konċessjoni mal-persuna li rebħet il-kompetizzjoni."

8 L-Artikolu 29/D tal-imsemmija liġi kien ifformulat kif ġej:

"Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-kumpannija kummerċjali li għandha bħala l-uniku azzjonist tagħha lill-operatur statali tal-logħob tal-ażżard jew il-korp ekonomiku li fih l-Istat għandu sehem maġġoritarju, jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b), il-kumpannija konċessjonarja, għandu jkollhom kapital ta' minimu ta' 200 miljun forint Ungeriż [(HUF) (madwar EUR 620 000)]."

9 Skont l-Artikolu 36(1) tal-liġi dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard:

"L-awtorità fiskali nazzjonali għandha teżerċita kontroll amministrattiv fuq l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard. F'dan il-kuntest, din għandha tikkontrolla b'mod kontinwu jekk l-attività tissodisfax ir-regoli ta' liġi, l-awtorizzazzjonijiet u l-proġett tal-logħob."

10 L-Artikolu 36/G(1) u (2) ta' din il-liġi kien jipprovdi:

"(1) L-awtorità fiskali nazzjonali għandha tordna l-għeluq temporanju tal-aċċess għal data magħmula pubblika permezz ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (iktar 'il quddiem, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan is-sottotitolu, id-"data elettronika"), meta l-fatt li din id-data ssir pubblika jew aċċessibbli jkun jirriżulta mill-implementazzjoni ta' attività pprojbita ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard.

(2) L-għeluq temporanju ta' aċċess jikkonsisti fit-twaqqif temporanju tal-aċċess għad-data elettronika. L-awtorità fiskali nazzjonali għandha tordna l-għeluq temporanju tal-aċċess għad-data elettronika għal tul ta' 90 jum.

[…]"

11 L-Artikolu 37(30) tal-liġi msemmija kien jipprovdi:

"Operatur tal-logħob tal-ażżard affidabbli: operatur tal-logħob tal-ażżard li huwa korp trasparenti fis-sens tal-Artikolu 3(1)(1) tan-nemzeti vagyonról szóló 2011. évi CXCVI. törvény (liġi Nru CXCVI tal-2011 dwar il-beni nazzjonali) u

a) li ssodisfa l-obbligi kollha ta' dikjarazzjoni u ta' ħlas relattivi għal oneri fiskali jew parafiskali li jeċċedu HUF 500 000 [(madwar EUR 1 550)], irreġistrati mill-amministrazzjoni fiskali nazzjonali, u li qatt ma ssodisfat tali obbligu b'dewmien ta' iktar minn 90 jum,

b) li ebda mill-kontijiet bankarji tiegħu ma kien milqut minn mandat ta' rkupru f'ammont li jeċċedi l-HUF 500 000 [(madwar EUR 1 550)] min-naħa tal-amministrazzjoni fiskali, u li, matul l-attività tiegħu, ma kellux proċedura eżekutorja li teċċedi l-HUF 500 000 [(madwar EUR 1 550)] imressqa kontrih,

c) matul l-attività tiegħu, u f'dan il-kuntest, ma wettaqx ksur li għalih setgħet tiġi imposta fuqu multa f'ammont superjuri għal HUF 5 miljun [(madwar EUR 15 500)],

d) matul mill-inqas għaxar snin eżerċita attività intiża għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard fl-Ungerija,

e) osserva b'mod sħiħ ir-regoli relattivi għall-istabbiliment tal-identità tal-lagħba kif ukoll għat-trattament tad-data relatata magħhom, kemm il-darba dan l-obbligu kien impost fuqu."

– *Il-liġi dwar il-konċessjonijiet*

12 L-Artikolu 4(1) tal-liġi dwar il-konċessjonijiet kien jipprovdi li:

"L-Istat jew il-kollettivitajiet lokali għandhom neċessarjament joħorġu sejħa għal kompetizzjoni għall-finijiet tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni, ħlief fil-każ ta' estensjoni ta' kuntratt b'applikazzjoni tal-Artikolu 12(3) tal-Liġi Nru CXCVI tal-2011 dwar il-beni nazzjonali, jew ta' konklużjoni ta' kuntratt abbażi tal-Artikolu 10/C ta' din il-liġi. Is-sejħa għal kompetizzjoni għandha tkun pubblika, ħlief jekk l-interessi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali jeżiġu li din għandha tinħareġ f'ċirku ristrett.

[…]"

13 L-Artikolu 5(1) ta' din il-liġi kien jipprovdi:

"Il-ministru kompetenti fil-qasam ta' attività kkonċernat jista' joħroġ is-sejħa għal kompetizzjoni, jgħaqqad lill-kompetituri u jikkonkludi l-kuntratt ta' konċessjoni, bi ftehim mal-ministru inkarigat mill-kura tal-beni nazzjonali.

[…]"

14 Skont l-Artikolu 10/C(1) sa (6) tal-liġi msemmija:

"(1) Kuntratt ta' konċessjoni jista' jiġi konkluż ukoll ma' operatur tal-logħob tal-azzard affidabbli, fis-sens tal-liġi settorjali, konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

(2) Il-ministru kompetenti fil-qasam ikkonċernat jista' jirrinunzja li joħroġ sejħa pubblika għal kompetizzjoni għall-finijiet tal-attribuzzjoni ta' konċessjoni meta jkun ukoll possibbli li l-kuntratt ta' konċessjoni jiġi konkluż ma' operatur tal-logħob tal-azzard affidabbli.

(3) Offerta għandha tiġi ppreżentata minn operatur tal-logħob tal-azzard affidabbli għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' attività intiża għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-azzard. L-awtur tal-offerta jispeċifika fiha s-sit ta' impjantazzjoni tal-unitajiet – iddefiniti fil-liġi dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-azzard – u jintrabat li jħallas għal kull unità, abbażi tal-konċessjoni, miżata annwali li b'mod minimu għad-doppju tal-miżata abbażi tal-konċessjonijiet previsti fil-liġi tal-finanzi tal-Istat rispettivament applikabbli.

(4) Il-ministru kompetenti fil-qasam ikkonċernat għandu jiddeċiedi dwar l-aċċettazzjoni tal-offerta fi żmien tletin jum wara li jirċievi l-offerta bil-miktub tal-operatur tal-logħob tal-azzard affidabbli. F'każ li tiġi aċċettata l-offerta, dan għandu jikkonkludi kuntratt ta' konċessjoni mal-awtur tal-offerta msemmija fi żmien tletin jum.

(5) Abbażi ta' kuntratt ta' konċessjoni konkluż konformement ma' dan l-artikolu, il-konċessjonarju jista' jopera massimu ta' ħames unitajiet.

(6) Għall-bqija, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi u tal-liġi dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-azzard japplikaw għall-kuntratt ta' konċessjoni u għall-konċessjonarju.

[…]"

15 L-Artikolu 11(1) tal-liġi dwar il-konċessjonijiet kien jipprovdi:

"Meta l-kuntratt ta' konċessjoni ma jkunx konkluż b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10/C, il-persuna jew il-korp li jaġixxi f'isem l-Istat jew tal-kollettività lokali jista' jikkonkludi kuntratt biss mal-offerent li jirbaħ il-kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni tintrebaħ mill-persuna li tkun offriet lill-Istat jew lill-kollettività lokali l-offerta l-iktar vantaġġjuża globalment li tikkorrispondi mas-sejħa għal kompetizzjoni.

[…]"

16 L-Artikolu 21(1) tal-imsemmija deċiżjoni kien ifformulat kif ġej:

"Meta regola tal-liġi speċjali tissuġġetta għal awtorizzazzjoni amministrattiva l-eżerċizzju ta' attività li għaliha konċessjoni hija obbligatorja, il-kumpannija konċessjonarja tista' biss teżerċita l-attività tagħha jekk ikollha tali awtorizzazzjoni f'isimha.

[…]"

Il-liġi fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2014

– Il-liġi dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard emendata

17 L-Artikolu 3 tal-liġi dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard, kif kienet fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2014 (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard emendata"), kien jipprovdi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Huwa biss l-operatur statali tal-logħob tal-ażżard li għandu d-dritt li jorganizza l-lotteriji bix-xorti u l-imħatri – bl-eċċezzjoni tal-imħatri tat-tiġrijiet taż-żwiemel, tal-logħob tal-ażżard online u tal-imħatri li jifformaw parti mill-attività tal-bookmakers."

18 L-Artikolu 29/D(1) u (2) tal-liġi dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard emendata kien jipprovdi:

"(1) Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-kumpannija kummerċjali li għandha bħala l-uniku azzjonist tagħha lill-operatur statali tal-logħob tal-ażżard jew il-korp ekonomiku li fih l-Istat għandu sehem maġġoritarju, jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b), il-kumpannija konċessjonarja jew l-operatur tal-logħob tal-ażżard affidabbli għandu jkollhom kapital li jikkorrispondi għal minimu ta' HUF 50 miljun (madwar EUR 155 000)].

(2) Il-kumpannija konċessjonarja msemmija fil-paragrafu 1 tista' wkoll – fid-dawl tal-Artikolu 20(1) ta[l-liġi dwar il-konċessjonijiet, kif kienet fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2014 (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-konċessjonijiet emendata")] – teżerċita l-attività tagħha bħala kumpannija kummerċjali stabbilita f'pajjiż barrani.

[…]"

19 L-Artikolu 37(31) ta' din il-liġi kien jipprovdi:

"Operatur tal-logħob tal-ażżard affidabbli, fil-każ tal-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard online li huwa korp trasparenti fis-sens tal-Artikolu 3(1)(1) tal-liġi Nru CXCVI tal-2011 dwar il-beni nazzjonali) u

a) li ssodisfa l-obbligi tiegħu kollha ta' dikjarazzjoni u ta' ħlas relattivi għal oneri fiskali jew parafiskali li jeċċedu l-HUF 500 000 [(madwar EUR 1 550)], irreġistrati mill-amministrazzjoni fiskali nazzjonali jew mill-awtoritajiet fiskali tal-Istat fejn huwa stabbilit l-operatur tal-logħob tal-ażżard, jew tal-Istat tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, u li qatt ma ssodisfa tali obbligu b'dewmien ta' iktar minn 90 jum,

b) li ebda mill-kontijiet bankarji tiegħu ma ġie milqut minn mandat ta' rkupru f'ammont li jeċċedi HUF 500 000 [(madwar EUR 1 550)] min-naħa tal-awtoritajiet fiskali tal-Istat ta' ħruġ tal-awtorizzazzjoni għall-eżerċitar ta' attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, u li, matul l-attività tiegħu, ma kellux proċedura eżekutorja li teċċedi HUF 500 000 [(madwar EUR 1 550)] imressqa kontrih fl-Istat ta' ħruġ tal-awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard,

c) matul l-attività tiegħu, u f'dan il-kuntest, ma wettaqx ksur fl-Istat ta' ħruġ tal-awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, li għalih setgħet tiġi imposta fuqu multa f'ammont li jikkorrispondi għal HUF 5 miljun [(madwar EUR 15 500)],

d) matul mill-inqas tliet snin eżerċita attività intiża għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard fl-Istat ta' ħruġ tal-awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard,

e) osserva b'mod sħiħ ir-regoli relattivi għall-istabbiliment tal-identità tal-lagħba kif ukoll għat-trattament tad-data relatata magħhom fl-Istat tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, kemm il-darba tali obbligu kien impost fuqu.

Jekk l-operatur ta' logħob tal-ażżard kellu jew għandu awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard f'diversi Stati, dan għandu jipprova li l-kundizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet (a) sa (e) huma sodisfatti għal wieħed minn dawn l-Istati."

– Il-liġi dwar il-konċessjonijiet emendata

20 L-Artikolu 10/C(3a) tal-liġi dwar il-konċessjonijiet emendata kien jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 iktar 'il fuq japplikaw għall-preżentazzjoni ta' offerta li għandha bħala skop l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet segwenti:

a) huwa biss operatur affidabbli, fis-sens tal-Artikolu 37(31) tal-[liġi dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard emendata], li jista' jippreżenta offerta,

b) l-offerta għandha tindika, għal kull tip ta' logħob, dħul annwali abbażi tal-konċessjoni, f'ammont li jikkorrispondi mill-inqas għad-dħul ta' referenza għal kull tip ta' logħob previst mil-liġi tal-finanzi tal-Istat, u

c) l-offerenti mhux stabbiliti fl-Ungerija jew mhux jew li ma għandhomx awtorizzazzjoni ungeriża biex jeżerċitaw attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard għandhom jinkludu mal-offerta tagħhom dokument, ipprovdut mill-awtoritajiet tal-Istat fejn huma stabbiliti, jew mill-Istat li jkun ħarġilhom l-awtorizzazzjoni biex tiġi eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, li jiċċertifika li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 37(31) tal-[liġi dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard emendata], flimkien ma' traduzzjoni ċċertifikata konformi bil-lingwa Ungeriża."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21 Unibet hija kumpannija stabbilita f'Malta, li l-attività tagħha tikkonsisti b'mod partikolari fl-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard online. Għal dan il-għan, hija proprjetarja ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali ta' diversi Stati Membri. Wara kontrolli mwettqa matul is-sajf tal-2014, fir-rigward tal-kontenut tas-siti Internet bil-lingwa Ungeriża operati minn Unibet aċċessibbli taħt id-*domain names* hu.unibet.com u hul.unibet.com, l-awtorità fiskali Ungeriża kkonstatat li dawn is-siti kienu jippermettu l-aċċess għal kontenut li kien jikkostitwixxi logħob tal-ażżard fis-sens tal-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, filwaqt li Unibet ma kellhiex l-awtorizzazzjoni meħtieġa fl-Ungerija.

22 Konsegwentement għal dan il-ksur, l-awtorità fiskali Ungeriża adottat żewġ deċiżjonijiet li bihom din, inizjalment, ordnat l-għeluq temporanju tal-aċċess mill-Ungerija għas-siti Internet ta' Unibet u, sussegwentement, imponiet multa fuq Unibet.

23 B'hekk, Unibet ippreżentat rikors quddiem il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Budapest, l-Ungerija) intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet imsemmija, minħabba li l-leġiżlazzjoni Ungeriża li abbażi tagħha ġew adottati dawn id-deċiżjonijiet tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE. Din tqis li fid-dawl tal-kundizzjonijiet iffissati minn din il-leġiżlazzjoni, din hija fil-prattika mċaħħda mill-possibbiltà li tikseb il-kwalità ta' konċessjonarju, filwaqt li tali kwalità tikkostitwixxi l-kundizzjoni preliminari għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online. Skont Unibet, din tpoġġiet f'impossibbiltà li tikkonkludi l-kuntratt ta' konċessjoni kemm taħt waħda jew l-oħra mill-proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

24 Unibet tosserva, minn naħa, li l-ministru tal-Ekonomija ma ħariġx sejħa pubblika għal kompetizzjoni bil-għan li jiġi konkluż kuntratt ta' konċessjoni, liema ħaġa b'hekk iċċaħħadha minn din l-ewwel proċedura. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-tieni proċedura li għandha tippermettilha li tippreżenta offerta lill-ministru bil-għan li jiġi konkluż kuntratt ta' konċessjoni, irriżervata għall-operaturi "affidabbli" fis-sens tal-leġiżlazzjoni Ungeriża, din issostni li hija ma kinitx awtorizzata tippreżenta offerta fid-data tal-ewwel deċiżjoni peress li din ma kinitx tissodisfa l-kriterji legali li jippermettulha li tiġi kkwalifikata bħala operatur ta' logħob tal-ażżard "affidabbli", fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, waqt l-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni, minħabba d-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li temenda d-definizzjoni tal-operatur ta' logħob tal-ażżard "affidabbli", din ma kellhiex biżżejjed żmien biex telabora offerta ddettaljata.

25 Skont l-awtorità fiskali Ungeriża, il-leġiżlazzjoni Ungeriża ma tmurx kontra l-Artikolu 56 TFUE. In-nuqqas ta' sejħa pubblika għal kompetizzjoni għall-għoti tal-kuntratti ta' konċessjonijiet ma jfissirx li l-leġiżlazzjoni Ungeriża tikser il-liġi tal-Unjoni, peress li, kieku nħarġet tali sejħa pubblika għal kompetizzjoni, Unibet kienet tkun tista' tippreżenta offerta. Barra minn hekk, fid-data tal-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni, kien mixtieq li Unibet tipprova li din kienet operatur ta' logħob tal-ażżard "affidabbli", fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, liema ħaġa kienet tippermettilha tippreżenta offerta lill-ministru bil-għan li jiġi konkluż kuntratt ta' konċessjoni. Din l-awtorità ppreċiżat li kien ser jiġi adottat digriet ministerjali sabiex jiġu kkompletati d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard f'dak li jikkonċerna l-logħob online.

26 L-awtorità fiskali Ungeriża indikat ukoll li, peress li d-digriet li kellu jiġi adottat jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), in-notifika tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea kienet kundizzjoni preliminari indispensabbli għad-dħul fis-seħħ tiegħu. Skont din l-awtorità, anki fil-każ li l-leġiżlazzjoni Ungeriża hija inkompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, ma jistax jiġi sostnut li logħob tal-ażżard online jista' jiġi organizzat fit-territorju Ungeriż mingħajr ebda awtorizzazzjoni jew restrizzjoni.

27 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relattiva għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal-leġiżlazzjoni Ungeriża, li ma ħolqotx sitwazzjoni ta' monopolju fis-suq tal-logħob tal-ażżard u li ma tiżgurax lill-awturi f'dan is-suq il-possibbiltà teoretika li jidħlu fis-suq Ungeriż tal-logħob tal-ażżard online, iżda li l-implementazzjoni effettiva tagħha fil-prattika tkompli ċċaħħad lill-awturi fis-suq mill-possibbiltà li joffru s-servizzi tagħhom, tistax tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu msemmi.

28 Skont din il-qorti, l-operaturi ta' logħob tal-ażżard kellhom, fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, żewġ possibbiltajiet biex jikkonkludu kuntratt ta' konċessjoni għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online. Din tirrileva li l-ewwel possibbiltà, jiġifieri l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal kompetizzjoni mill-ministru tal-Ekonomija, ma ntużatx minn din tal-aħħar matul il-perijodu inkwistjoni kollu. Fir-rigward tat-tieni possibbiltà, jiġifieri l-preżentazzjoni ta' offerta intiża għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni, din il-qorti tippreċiża li kien biss operatur li seta' jiġi kkwalifikat bħala "operatur ta' logħob tal-ażżard affidabbli", fis-sens tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2014, li kien awtorizzat jippreżenta tali offerta. Issa, b'applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, fid-data tal-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni ta' għeluq tas-siti Internet ta' Unibet, l-operaturi li ma setgħux jiġġustifikaw għaxar snin ta' provvista ta' servizzi fl-Ungerija ma kinux jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "operatur ta' logħob tal-ażżard affidabbli". Għalhekk, skont il-qorti msemmija, Unibet kienet eskluża mill-kuntratt tal-logħob tal-ażżard online. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li, minħabba t-tul qasir tat-terminu li għadda bejn il-15 ta' Lulju 2014, data li fiha d-definizzjoni ta' "operatur affidabbli" ġiet emendata mil-liġi fis-sens li Unibet tista' eventwalment tifforma parti mill-kunċett imsemmi, u d-29 ta' Awwissu 2014, data tal-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni ta' għeluq tas-siti Internet ta' Unibet, din tal-aħħar ġiet prekluża milli tippreżenta offerta mfassla b'mod dettaljat.

29 B'hekk, il-qorti msemmija tixtieq tkun taf jekk, fid-dawl tal-Artikolu 56 TFUE, in-nuqqas ta' regoli dettaljati relattivi għall-kundizzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-finijiet tal-attribuzzjoni tal-awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard online jistax jiġġustifika l-esklużjoni fil-prattika ta' operatur ta' logħob tal-ażżard mill-proċedura ta' għoti, minkejja li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet huwa teoretikament possibbli. Barra minn hekk, din tistaqsi jekk tali nuqqas ta' regoli ddettaljati tekniċi jistax madankollu jiġġustifika s-sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-awtoritajiet kompetenti lill-operaturi ta' logħob tal-ażżard li ma setgħux, fil-prattika, jiksbu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Budapest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"TFUE") għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi miżura nazzjonali skont liema l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li fil-kuntest tal-ftuħ, eventwalment, ta' sejħa għal offerti għall-attribuzzjoni ta' konċessjoni jew fil-kuntest tal-aċċettazzjoni ta' offerta ppreżentata għall-ksib ta' din il-konċessjoni, tiżgura fit-teorija l-possibbiltà li kwalunkwe fornitur ta' servizzi li jissodisfa r-rekwiżiti legali – inkluż fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor – jikseb il-konċessjoni sabiex jipprovdi servizzi ta' logħob tal-ażżard online mhux liberalizzati, permezz ta' sejħa għal offerti pubblika jew permezz ta' preżentazzjoni ta' offerta, meta fir-realtà l-Istat Membru ikkonċernat ma jiftaħ l-ebda sejħa għal offerti għall-għotja ta' konċessjoni u l-fornitur ta' servizzi, fil-prattika, ma għandux il-possibbiltà li jippreżenta offerta, u madankollu, l-awtoritajiet tal-Istat Membru jiddikjaraw li l-fornitur ta' servizzi, peress li pprovda dan is-servizz mingħajr ma kellu l-liċenzja bbażata fuq il-konċessjoni, kiser il-liġi u jimponulu s-sanzjoni amministrattiva prevista fid-dispożizzjoni legali (għeluq temporanju tal-aċċess u impożizzjoni ta' multa jekk huwa reċidiv)?

2) L-Artikolu 56 TFUE jipprekludi lil Stat Membru milli jintroduċi regoli, ta' livell superjuri fid-dawl tad-dritt nazzjonali tiegħu, li fit-teorija tagħti lill-fornituri ta' servizzi ta' logħob tal-ażżard online l-possibbiltà li jeżerċitaw l-attività tagħhom fuq livell transkonfinali, iżda li, minħabba fl-assenza tar-regoli ta' implementazzjoni ta' livell inferjuri, l-imsemmija fornituri ta' servizzi huma fir-realtà mċaħħda mill-possibbiltà li jiksbu mill-awtorità l-liċenzji neċessarji għall-eżerċizzju ta' din l-attività?

3) Fil-każ li l-qorti li quddiemha tressqet il-kawża prinċipali tikkonstata, fid-dawl tar-risposti li jingħataw għad-domandi preċedenti, li l-miżura tal-Istat Membru tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, din il-qorti tagħixxi b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni jekk tqis li l-ksur ikkonstatat fid-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istat Membru minħabba fil-provvista ta' servizzi mwettqa mingħajr liċenzja u s-sanzjoni amministrattivi applikata konsegwentement (għeluq temporanju tal-aċċess u multa) imorru kontra l-Artikolu 56 TFUE?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

31 Bl-ewwel u t-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 56 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online li abbażi tagħha l-operaturi jistgħu jikkonkludu kuntratt ta' konċessjoni u, abbażi ta' din tal-aħħar, jiksbu l-awtorizzazzjoni għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online, jew billi jipparteċipaw f'sejħa għal kompetizzjoni intiża għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni organizzat mill-ministru tal-Ekonomija, jew billi jippreżentaw offerta lill-ministru intiża għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni, fejn din l-aħħar possibbiltà hija miftuħa għall-operaturi ta' logħob tal-ażżard "affidabbli", fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

32 Għandu jitfakkar li l-Artikoli 56 TFUE jeżiġi t-tneħħija ta' kull restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, anki jekk din ir-restrizzjoni tapplika mingħajr distinzjoni bejn il-fornituri nazzjonali ta' servizzi u dawk ta' Stati Membri oħra, meta din ir-restrizzjoni tkun ta' natura li tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn jipprovdi legalment servizzi simili (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, EU:C:2009:519, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet amministrattivi tikkostitwixxi restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et*, C-390/12, EU:C:2014:281, punt 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE.

35 Madankollu, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk din ir-restrizzjoni tistax tkun iġġustifikata.

36 Fir-rigward il-ġustifikazzjonijiet li jistgħu jiġu aċċettati fil-preżenza ta' miżuri interni li jirrestrinġu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba rrilevat li l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali adottati fil-qasam tal-logħob u tal-imħatri huma marbuta, meqjusa fl-intier tagħhom, fil-parti l-kbira, mal-protezzjoni tad-destinatarji tas-servizzi kkonċernati, u b'mod

iktar ġenerali l-konsumaturi, kif ukoll il-protezzjoni tal-ordni soċjali. Hija enfasizzat ukoll li tali għanijiet jinsabu fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw ksur għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

37 Barra minn hekk, huwa stabbilit li kull Stat Membru għandu jevalwa jekk, fil-kuntest tal-għanijiet leġittimi li huwa għandu, huwiex neċessarju li jipprojbixxi totalment jew parzjalment attivitajiet li jirrigwardaw l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, jew biss li jirrestriġihom u li jipprevedi għal dan il-għan modalitajiet ta' kontroll ftit jew wisq stretti, filwaqt li n-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżuri adottati għandhom jiġu evalwati biss fid-dawl tal-għanijiet imfittxija u tal-livell ta' protezzjoni li beħsiebhom jiżguraw l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Carmen Media Group, C-46/08, EU:C:2010:505, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dan il-każ, mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Ungerija tinvoka, b'mod ġenerali, l-għanijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi u r-riskji għall-ordni pubbliku u għas-saħħa pubblika biex tiġġustifika l-miżuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

39 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dawn l-għanijiet jistgħu jkunu ta' natura li jiġġustifikaw restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali fis-settur tal-logħob tal-ażżard. Fil-fatt, il-ġurisprudenza aċċettat ċertu numru ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħalma huma l-għanijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ta' prevenzjoni tal-frodi u tal-inkoraġġiment taċ-ċittadini għal infiq eċċessiv fir-rigward tal-logħob kif ukoll tal-prevenzjoni ta' problemi ta' ordni soċjali b'mod ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et*, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, EU:C:2007:133, punt 46).

40 Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li r-restrizzjonijiet imposti mill-Istati Membri għandhom jissodisfaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u li leġiżlazzjoni nazzjonali tkun biss xierqa biex tiżgura l-għan invokat jekk il-mezzi implementati jkunu koerenti u sistematiċi (sentenzi tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et*, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, EU:C:2007:133, punti 48 u 53, kif ukoll tas-16 ta' Frar 2012, Costa u Cifone, C-72/10 u C-77/10, EU:C:2012:80, punt 63).

41 Barra minn hekk, sabiex tali leġiżlazzjoni tkun iġġustifikata, minkejja li tkun timponi deroga fuq libertà fundamentali, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u magħrufa minn qabel, b'mod li jiġi limitat l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex din ma tintużax arbitrarjament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Frar 2016, Ince, C-336/14, EU:C:2016:72, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu l-konċessjonijiet huma marbuta li josservaw l-obbligu ta' trasparenza. B'hekk, mingħajr ma jimplika neċessarjament obbligu li tinżamm sejħa għal offerti, dan l-obbligu ta' trasparenza, li japplika meta l-konċessjoni ta' servizzi kkonċernata tkun ta' natura li tista' tinteressa impriża stabbilita fi Stat Membru differenti minn dak li fih tingħata din il-konċessjoni, jeżiġi li l-awtorità li tagħti l-konċessjoni tiggarantixxi, favur kull offerent potenzjali, livell ta' pubbliċità adegwat li jippermetti li l-konċessjoni ta' servizzi tkun miftuħa għall-kompetizzjoni kif ukoll il-kontroll tal-imparzjalità tal-proċeduri tal-għoti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, Engelmann, C-64/08, EU:C:2010:506, punti 49 u 50).

43 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' ċertezza legali, li għandu bħala korollarju tiegħu l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, jeżiġi, b'mod partikolari, li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, b'mod partikolari meta dawn jista' jkollhom konsegwenzi żvantaġġużi għall-individwi u għall-impriżi (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Berlington Hungary *et*, C-98/14, EU:C:2015:386, punt 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fir-rigward, fl-ewwel lok, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2014, għandu jiġi kkonstatat li dispożizzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tgħid li l-operaturi ta' logħob tal-ażżard affidabbli għandhom ikunu eżerċitaw, matul perijodu ta' mill-inqas għaxar snin, attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, toħloq differenza fit-trattament sa fejn din tpoġġi fi żvantaġġ lill-operaturi ta' logħob tal-ażżard stabbiliti fi Stati Membri oħra meta mqabbla mal-operaturi nazzjonali kkonċernati li jistgħu jissodisfaw il-kundizzjoni msemmija iktar faċilment.

45 Is-sempliċi invokazzjoni ta' għan ta' interess ġenerali ma tistax tkun biżżejjed biex tiġġustifika tali differenza fit-trattament. Issa, fin-nuqqas ta' raġuni għalfejn huwa neċessarju li tkun ġiet eżerċitata attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti pjuttost milli dak ta' Stat Membru ieħor sabiex jintlaħqu l-għanijiet invokati, u dan għal matul mill-inqas għaxar snin, tali regola għandha titqies bħala diskriminatorja u kuntrarja għall-Artikolu 56 TFUE.

46 Fit-tieni lok, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2014, l-obbligu li tkun ġiet eżerċitata matul tliet snin fi Stat Membru attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard ma joħloqx vantaġġi favur l-operaturi stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti u jista' jiġi ġġustifikat minn għan ta' interess ġenerali. Huwa madankollu importanti li r-regoli inkwistjoni jiġu applikati b'mod trasparenti fir-rigward tal-offerenti kollha. B'hekk għandu jitfakkar li l-obbligu ta' trasparenza, li huwa korollarju tal-prinċipju ta' ugwaljanza, għandu essenzjalment l-għan li jiżgura li kull operatur ikkonċernat ikun jista' jiddeċiedi li jagħmel offerti wara sejħiet għal offerti fuq il-bażi tal-informazzjoni rilevanti kollha u li jiggarantixxi l-assenza ta' riskju ta' favoritiżmu u ta' arbitrarjetà min-naħa tal-awtorità kontraenti. Dan jimplika li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet kollha tal-proċedura tal-għoti jkunu fformulati b'mod ċar, preċiż u univoku, b'mod, minn naħa, li jippermetti lill-offerenti kollha raġonevolment informati u b'diliġenza ordinarja jifhmu l-portata eżatta tagħhom u li jinterpretawhom bl-istess mod u, min-naħa l-oħra, b'mod li jillimita s-setgħa diskrezzjonali tal-awtorità li tagħti l-konċessjonijiet u li jqegħidha f'pożizzjoni li tivverifika b'mod effettiv jekk l-offerti tal-offerenti jikkorrispondux għall-kriterji li jirregolaw il-proċedura inkwistjoni (sentenza tal-4 ta' Frar 2016, Ince, C-336/14, EU:C:2016:72, punt 87).

47 Ma tissodisfax dan ir-rekwiżit leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-kundizzjonijiet tagħha għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-ministru tal-Ekonomija ffissati minnha waqt tali proċedura, kif ukoll il-kundizzjonijiet tekniċi tagħha li għandhom jiġu ssodisfatti mill-operaturi ta' logħob tal-ażżard waqt it-tressiq tal-offerta tagħhom, ma kinux iddefiniti bi preċiżjoni suffiċjenti.

48 Konsegwentement, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online, meta din ikun fiha regoli diskriminatorji fir-rigward tal-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra jew meta din tipprevedi dispożizzjonijiet nondiskriminatorji, iżda li jiġu applikati b'mod trasparenti jew implementati b'mod li jipprekludi jew li jagħmel iktar diffiċli l-kandidatura ta' ċerti offerenti stabbiliti fi Stati Membri oħra.

Fuq it-tielet domanda

49 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 56 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sanzjonijiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, imposti minħabba l-ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, fl-ipoteżi fejn tali leġiżlazzjoni nazzjonali tirriżulta li tkun kuntrarja għal dan l-artikolu.

50 F'dan ir-rigward, biżżejjed jitfakkar li, meta sistema restrittiva tkun ġiet stabbilita fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, u meta din is-sistema tkun inkompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE, il-ksur ta' din is-sistema minn operatur ekonomiku ma jistax ikun is-suġġett ta' sanzjonijiet (sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et*, C-390/12, EU:C:2014:281, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sanzjonijiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, imposti minħabba l-ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, fl-ipoteżi fejn tali leġiżlazzjoni nazzjonali tirriżulta li tkun kuntrarja għal dan l-artikolu.

Fuq l-ispejjeż

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online, meta din ikun fiha regoli diskriminatorji fir-rigward tal-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra jew meta din tipprevedi dispożizzjonijiet nondiskriminatorji, iżda li jiġu applikati b'mod trasparenti jew implementati b'mod li jipprekludi jew li jagħmel iktar diffiċli l-kandidatura ta' ċerti offerenti stabbiliti fi Stati Membri oħra.**

2) **L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sanzjonijiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, imposti minħabba l-ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard, fl-ipoteżi fejn tali leġiżlazzjoni nazzjonali tirriżulta li tkun kuntrarja għal dan l-artikolu.**

Firem